# Ċ 5.1 NIĊĊELEBRAW



**Ċ5.1.3.**
Nidentifikaw iċ-ċelebrazzjonijiet prinċipali li jsiru fl-iskola tagħna.

**A. Aqra dan li ġej, imbagħad wieġeb il-mistoqsijiet.**

Fil-klassi tal-Ħames Sena tal-iskola ta' Ħal Tmiem, għall-Karnival tas-sena l-oħra, l-għalliema organizzat ċelebrazzjoni tal-Karnival. It-tfal kollha tal-klassi setgħu jippreżentaw ruħhom quddiem sħabhom lebsin xi kostum. Setgħu ukoll itellgħu tema li tixraq għall-Karnival. Dawn huma żewġ temi li ttellgħu dakinhar.



**Tema 1**: Fredu, Toni u Salvu, libsu kostumi Messikani, ġabu diska folk Messikana u qagħdu jimitaw lill-kantanti Messikani taparsi qegħdin ikantaw huma.



**Tema 2**:
Francesca libset maskra tal-karnival bin-numru mija mqasqas fil-maskra. Francesca lil sħabha rrakkuntatilhom żewġ ċajtiet. Tgħidx kemm daħku sħabha, u l-għalliema magħhom.

**Wieġeb**

1. Għaliex taħseb li ċ-ċelebrazzjoni tal-karnival kienet suċċess?

______________________________________________________________

______________________________________________________________

2. Liema għoġbitek l-iktar, it-tema ta' Francesca, jew tat-tlett itfal subien? Għaliex?

______________________________________________________________

______________________________________________________________

3. Kieku kont student/a fil-klassi tal-Ħames Sena ta' Ħal Tmiem, x'tema kont ittellà fiċ-ċelebrazzjoni tal-karnival?

______________________________________________________________

______________________________________________________________

**B. L-iskola torganizza**

Penġi l-kaxxi ta' dawk iċ-ċelebrazzjonijiet li tħobb torganizza l-iskola tiegħek matul is-sena.

| | | | |
|---|---|---|---|
| Jum il-Premjazzjoni | Niċċelebraw l-Imnarja | Jum l-għalliema | Jum l-Omm |
| Niċċelebraw Eko Skola | Jum ir-Raħal | Niċċelebraw il-Milied | Jum is-Sindku |
| L-Għoti tal-Green Flag | Niċċelebraw Santa Marija | Niċċelebraw il-Festa tar-Raħal | Għeluq snin il-Kap tal-Iskola |



**Wieġeb dawn il-mistoqsijiet.**

1. Liema hija ċ-ċelebrazzjoni favorita tiegħek, u għaliex?

a) iċ-ċelebrazzjoni favorita tiegħi ___________________________________

___________________________________________________________

b) ir-raġuni għaliex għażilt dik iċ-ċelebrazzjoni ________________________

___________________________________________________________

2. Għaliex taħseb illi ċ-ċelebrazzjonijiet li jsiru fl-iskola huma importanti għall-istudenti?

___________________________________________________________

___________________________________________________________

___________________________________________________________

3. Inti kif tħossok waqt dawn iċ-ċelebrazzjonijiet? Tkun qed tistenniehom bil-ħerqa jew aħjar li ma norganizzaw xejn? Għaliex taħseb hekk?

___________________________________________________________

___________________________________________________________

___________________________________________________________

4. Hemm xi waħda minn dawn iċ-ċelebrazzjonijiet li ddejqek jew li tixtieq kieku torganizzaha b'mod differenti? Ikkummenta.

___________________________________________________________

___________________________________________________________

___________________________________________________________